MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tad-19 ta' Dicembru, 2008

Numru. 1232/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Portelli)**
**(Spettur Ramon Mercieca)**
**(Spettur Robert Vella)**

**vs**

**Philip Borg**
**Arturo Busuttil**

**Kumpilazjoni Nru: 1232/2008**

Il- Qorti,

Rat l- akkuza kontra l- imsemmija:

**Philip Borg** ta' 39 sena, iben Emanuel u Josephine nee` Caruana, imwieled Pieta` nhar l-24.06.1969 u residenti

no. 196, Triq Salvu Zammit, Luqa, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 268469(M).

u

**Arturo Busuttil** ta’ 46 sena, iben Nazzareno u Fortunata nee` Galea, imwieled Pieta` nhar is-07.05.1962 u residenti no. 54 ‘Rosanne’, Triq San Pietru, Birzebbugia, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 297062(M).

Akkuzati talli:

Talli f’diversi bnadi f’dawn il-Gzejjer fid-9 ta’ Dicembru 2008 u fil-jiem ta’ qabel b’diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozijoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzjoni wahda, u cioe: -

Talli b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdew b’qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b’ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh li jeccedi €232.94 izda anqas minn €2,329.37 ghad-dannu ta’ diversi persuni;

Talli fl-istess perjodu u cirkostanzi assoccjaw ruhhom bil-ghan li jaghamlu delitt f’Malta u cioe` delitt ta’ frodi lil diversi persuni, liema delitt huwa punibli b’piena ta’ prigunerijja m’huwiex delitt taht l-att dwar l-istampa;

Lil Philip Borg wahdu talli kiser il-provediment ta’ sentenza ta’ prigunerija ghal tmintax-il xhar sospiza ghal-tlett snin moghtija lilu fil-11 ta’ Jannar, 2006 mill-Oorti tal-Magistrati (Dr Saviour Demicoli LLD), liema sentenza saret defenitiva u ma tistax tigi mibdula.

Lil Arturo Busuttil wahdu talli kiser il-provediment ta’ sentenza ta’ prigunerija ghal sena sospiza ghall-sentejn moghtija lilu fil-31 ta’ Lulju, 2007 mill-Qorti tal-Magistrati (Dr Edwina Grima LL.D), liema sentenza saret defenitiva u ma tistax tigi mibdula.

Kif ukol talli saru recedivi b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru defenittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati ma kellhomx oggezzjonili l-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-artikoli 28A, 28B, 48A, u 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tghathom zmien jikkunsidraw il-pozizzjoni taghhom.

Rat id-dokumenti esebieti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma llum u d-dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni li s-sentenza mghotija fil-konfront ta' l-imputat Philip Borg fil- 11 ta' Jannar 2006 giet reza operative u l-pieena hemm indikata giet skontata.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati, u min-naha l-ohra l-koperazzjoni ta'l-imputati mal-Pulizija fil-kors ta' l-investigazzjoni taghhom u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Illi Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputati bejniethom diga irrifondew mija u disghin Euro (€190) mill-ammonti li huma hadu. Mill-atti jirrizulta li huma hadu l-ammont ta' disgha mija u tmienja u sittin Euro (€968).

Illi fil-konfront ta’ Philip Borg u b’referenza ghat-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu jirrizulta li huwa diga skonta l-piena ta’ tmintax il-xahar prigunerija.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 28A, 28B, 48A, u 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u tikkundannahom prigunerija ghal perjodu ta’ disgha’ (9) xhur kull wiehed; l-imputat Philip Borg ghandu jhallas is-somma ta’ €384, fil-waqt li l-imputat Arturo Busuttil ghandu jhallas s-somma ta’ €394, il-hlas ghandu jsir, lil kull parte leza skond d-danni li soffrew, fi zmien sena mill-llum.

In oltre b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed testendi l-perjodu operattiv tas-sentenza mghotija fil-konfront ta’ Arturo Busuttil fil-31 ta’ Lulju 2007 ghall-perjodu ta’ tlett (3) snin mill-llum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------